**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 9 ta' Novembru, 2022

*Kumpilazzjoni Nru. 629/2022*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**-vs-**

**John Azzopardi detentur tal-Karta tal-Identità` numru 301077M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat **John Azzopardi** u ċioe talli:

> Nhar l-20 ta' Lulju, 2021, għal ħabta ta' 16:00hrs ġewwa l-ħanut *Angler Thinfish* li jinsab fi Triq San Luqa, il-Pietà:

1. Ikkommetta serq ta' rukkell tas-sajd tad-ditta Shimano Force Master 9000 li hu stmat li jiswa Eur1,029.00 u dan għad-dannu ta' Silvio Farrugia liema serq hu kwalifikat bil-valur.

Rat li waqt l-udjenza tallum, miżmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjoni li nġabet kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għal imputazzjoni li nġabet fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni li nġabet fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal- imputazzjoni li nġabet fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab imputat bih l-imputat, tal-fedina penali tiegħu, tal-fatt li d-derubat ġie riżarċit kompletament kif ukoll li kif stqarret l-uffiċjal prosekutur, l-imputat wera kooperazzjoni sħiħa mal-Pulizija.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni li nġabet fil-konfront tiegħu, iżda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tlett snin m'Illum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**